# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 712/00mm**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saviour Falzon u l-istess Saviour Falzon**

**vs**

**David Delicata**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Mejju 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tliet mija tnejn u disghin lira erbgha u tletin centezmu (Lm392.34c) in kwantu ghal mitejn u sbatax-il

lira erba u tmenin centezmu (Lm217.84c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mija erbgha u sebghin lira hamsin centezmu (Lm174.50c) lill-attur Saviour Falzon, in linea ta' danni - minnhom sborsati - in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Birkirkara fit-13 ta' Lulju 1999, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru DEL 010 baqa diehel fil-wara tal-vettura numru JAA 561 proprjeta' tal-attur Saviour Falzon u misjuqa minn Anna Urry - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-20 ta' Dicembru 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi in meritu, l-eccipjent ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fic-citazzjoni, izda kien unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess Anna Urry li kienet qieghdha ssuq il-vettura numru JAA 561, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku u ghad-danni pretizi mis-socjeta' attrici u d-

domandi tas-socjeta' attrici ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara go Valley Road, fejn id-*DAY TO DAY SUPERMARKET* vicin il-petrol station illi hemm fit-tarf ta' Mannarino Road, B'Kara.

Anna Urry kienet qieghdha ssuq il-karozza proprjeta' ta' Saviour Falzon, l-assikurat tas-socjeta' attrici liema karozza kellha n-numru JAA 561, mentri l-konvenut kien qed isuq il-karozza DEL 010. Iz-zewg karozzi kienu qieghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni ta' B'Kara bil-karozza ta' Anna Urry fuq quddiem. Jidher li dina riedet tikser lejn il-lemin biex tidhol ghas-*service station* li hemm fuq dik in-nahha u ghalhekk ippustjat il-karozza taghha f'nofs it-triq, xeghlet l-indicator u qaghdet tistenna l-karozzi gejjin minn faccata. Hekk kif dawna ghaddew, bdiet issuq,u semghet hoss ta' brake u ssib il-karozza misjuqa mill-konvenut go fiha fuq in-nahha tal-lemin. Hija tghid li harset fil-mirja qabel ma bdiet iddur u ma rat lil hadd, pero' meta l-Qorti staqsietha jekk harsitx ukoll fil-mera tal-lemin Anna Urry qalet li ma ghamlitx hekk.

Il-konvenut minnaha l-ohra, jghid illi huwa kien qed isuq ghad-dritt fid-direzzjoni ta' B'Kara u quddiemu ra karozza qisha pparkjata fuq in-nahha tax-xellug. Din il-karozza kienet qieghdha timxi bil-mod il-mod u f'daqqa wahda bdiet taqsam quddiemu lejn il-lemin, ghafas il-brake, ma setghax jevita u baqa diehel fuqha. Jghid li fl-ebda hin din il-karozza ma hu nnotaha wieqfa izda kienet f'posizzjoni mgemmba lejn il-lemin miexja bil-mod u ghalhekk haseb illi huwa setgha jghaddi minn fuq il-lemin taghha. Ghalhekk sar l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib hafna x'ticcensura fis-sewqan ta' Anna Urry. Dina poggiet il-karozza taghha f'posizzjoni ta' perikolu f'nofs it-triq u ma assiguratx illi setghet tbiddel id-direzzjoni taghha lejn il-lemin minghajr perikolu ghal sewwieqa ohra fit-triq. Il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tirrimarka illi l-uzu ta' l-*indicator* biss mhuwiex bizzejjed biex jassigura xi drittijiet u obbligi da parti tas-sewwieq. Dan l-*indicator* huwa biss wiehed mill-mizuri li sewwieq ghandu jiehu imma ghandu wkoll jassigura illi dan il-messagg wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq. Lanqas ma hu bizzejjed li wiehed ighid li hares fil-mera u ma ra lil hadd u mbaghad ftit sekondi wara jsir incident. Evidentement din il-persuna ma harsitx sew jew inkella ma harset xejn. Dana gara proprju f'dan il-kaz, fejn Anna Urry tghid illi hija xeghlet l-*indicator*, harset fil-mirja u ma rat lil hadd u ftit wara gara l-incident. Evidentement hawnhekk ghandna *miscalculation*

qawwija parti ta’ Anna Urry li ma rrealizzatx li l-karozza tal-konvenut kienet ferm aktar vicin milli ssoponiet.

F’sentenza moghtija mill-Prim Awla fis-16 ta’ Ottubru 1995 fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono il-Qorti qalet li meta sewwieq ikun sejjer jikser ghal go *side street*, mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll illi dawk illi jkunu qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm hadd illi jkun qieghed jaqilghu fil-mument illi jkun ser jikser.

L-istess qalet il-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet “H Farrugia vs R Ripard” deciza fil-15 ta’ Frar 1974 “meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b’karozza dana jrid jara li ma jkunx hemm traffiku mhux biss meta jibda jaqsam, imma anke sakemm jaqsam ghal kollox”. Dana huwa ezattament dak illi gara f’dan il-kaz. Anna Urry ma qaghditx attenta ghall-vetturi li kienu gejjin minn warajha u lanqas ma hadet il-mizuri kollha necessarji biex ma tkunx ta’ perikolu ghalihom, u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi hija ghandha terfa r-responsabbilta’ kollha ta’ dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit

Dep Reg